# Ir-Raħal ta' Ħad-Dingli tant snin ilu

*Tagħrif miġbur minn Mario Fenech*

Ir-raħal ta` Had-Dingli huwa ferm antik u nafu dan mill-Istorja dokumentata li għandna f`diversi kitbiet li ħallew numru ta` storiċi importanti.

Fil-kitba ta` wieħed minn dawn l-istoriċi, Achille Ferres, fil-ktieb tiegħu "Descrizione Storica Delle Chiese di Malta e Gozo" miktub fis-sena 1866 f`paġna 71 insibu għall-ewwel darba l-isem tar-raħal ta` Ħad-Dingli, dak iż-żmien magħruf bħala Casal Dingli.

Paragrafu interessanti fil-ktieb jgħid hekk;

"Dalla Chiesa Cattedrale fu smembrata da Innocenzo XI nel 1678 la Chiesa di Casal Dingli per opera di Mons. Molina."

Mela hawnhekk wieħed jinnota li għalkemm dak iż-żmien tat-twaqqif tal-Parroċċa ta` Ħad-Dingli ma kienx wieħed faċli għall-abitanti tal-inħawi, dawn xorta waħda kienu ħasbu biex ikollhom knisja biex ikunu jistgħu jinqdew spiritwalment b`mod xieraq u li jkunu jistgħu jersqu lejn aktar spiss lejn is-sagramenti mingħajr ma jkollhom imorru wisq 'il bogħod mir-raħal biex jagħmlu dan.

Jekk dan iż-żmien kien wieħed diffiċli għan-nies tar-raħal, mela kemm kien bil-wisq aktar diffiċli ż-żmien li fih kienet twaqqfet għall-ewwel darba lura lejn is-sena 1436 l-ewwel Parroċċa?



F`dak iż-żmien f`Malta kien hawn għaxar parroċċi b`waħda minnhom tkun fl-inħawi tar-raħal ta` Ħal Tartani li miegħu kien jagħmel ir-raħal żgħir ta` Ħad-Dingli. Il-knisja kienet iddedikata lil San Bartilmew.



Meta kien għamel iż-żjara fl-inħawi l-Viżitatur Apostoliku Mons. Pietru Duzina fis-sena 1575 huwa sab li ma kien baqa' kważi xejn, kemm mill-popolazzjoni tar-raħal kif ukoll mill-knisja.

Tant kienet imwergħa s-sitwazzjoni li lanqas kappillan jew saċerdot ma kien baqa' jgħix fir-raħal ta` Ħal Tartani. Dan kollu kien seħħ minħabba l-fatt li dak iż-żmien il-furbani kienu jinżlu l-art ta` spiss u jkaxkru dak kollu li kienu jsibu quddiemhom u jħallu ħerba sħiħa warajhom.

Għall-kuntrarju r-Raħal viċin, dak ta` Ħad-Dingli, kellu numru mdaqqas ta` djar kif ukoll knisja żgħira li kienet iddedikata lil Marija Assunta. In-nies baqgħu jinqdew b`din il-knisja sakemm wasal iż-żmien li f`Malta ma kienx hawn Isqof u fis-sena 1668 Ħad-Dingli spiċċa minn Parroċċa u ġie jagħmel mal-Parroċċa tar-Rabat.

Hawnhekk jidħol fl-istorja l-Isqof Mons. Rajmond Molina li kif rajna fil-kitba tal-istorku Achille Ferres. Dan wara li kien ġie kkonsagrat isqof u fela sew is-sitwazzjoni tal-poplu ta` Ħad-Dingli li issa kien jgħodd viċin l-400 ruħ, waqqaf mill-ġdid il-Parroċċa b`digriet tiegħu tal-31 ta` Diċembru, 1678. Naturalment il-Parroċċa twaqqfet f`Ħad-Dingli fil-knisja ta` Marija Assunta mhux f`Ħal Tartani, għaliex kemm il-knisja kif ukoll ir-raħal kienu spiċċaw għalkollox bi ftit djar li kien baqa' jagħmlu mar-raħal ta` Ħad-Dingli.

Il-poplu tar-raħal ħadem qatiegħ biex ikollu knisja li tkun akbar u isbaħ minn dik li kellu s'issa. Ma għaddiex wisq żmien biex dawn bdew jaħsbu biex jibnu knisja ġdida li tkun tixraq lill-Padruna tar-Raħal Marija Assunta.

Dwar dan nikteb fil-ħarġa ta` dan il-programm tas-sena d-dieħla.

IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD.